**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 36/23 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 813/1997)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata iżżewġu nhar l-1 ta' Ġunju, 1997 fil-Knisja tat-Trinita Qaddisa, l-Marsa. Dan iż-żwieġ ġie debitament registrat (ċertifikat anness u mmarkat Dok A). Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewgt'itfal F G u H I;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, nhar it-22 ta' Ġunju, 2020; (ara kuntratt anness u mmarkat Dok B);

3. Illi m'hemm prospett ragionevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jgħixu ħajja independentement minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet.

5. Illi l-partijiet m' għandhom l-ebda propjeta' in komuni;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet :

1. Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Gunju 1997;
2. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar it-22 ta' Gunju 2020;
3. Illi l-esponenti taqbel illi ma hemmx tama li jirrikonciljaw;
4. Illi l-esponenti taqbel illi l-ebda manteniment ma huwa dovut;
5. Ghaldaqstant hija tirrimetti ruhha ghad-decizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2023;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Gunju 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.